## KARTUNA TA’ TWISSIJA GĦALL-PAZJENT ERELZI®▼

Din il-Kartuna ta’ Twissija għall-Pazjent fiha informazzjoni importanti dwar is-sigurtà li inti jeħtieġ li tkun taf qabel ma tingħata Erelzi® u waqt kura b’Erelzi®. Jekk jogħġbok staqsi lit-tabib tiegħek jekk ma tifhimx din l-informazzjoni.

- Uri din il-kartuna lil kwalunkwe tabib involut fil-kura tiegħek.
- Ara wkoll il-fuljett ta’ tagħrif ta’ Erelzi® għal aktar informazzjoni.

### Użu fi Tfal u adolexxenti (li jiżnu inqas minn 62.5 kg)

Erelzi® m’għandux jintuża fi tfal u adolexxenti li jiżnu inqas minn 62.5 kg. Jekk jogħġbok staqsi lit-tabib tiegħek jekk ikollok xi mistoqsijiet dwar dan.

### Infezzjonijiet

Erelzi® jista’ jżid ir-riskju li jkollok infezzjonijiet, li jistgħu jkunu serji.

- Inti m’għandekx tiġi kkurat b’Erelzi® jekk għandek infezzjoni. Jekk m’intix ċert, staqsi lit-tabib tiegħek.
- Jekk tiżviluppa sintomi li jindikaw infezzjoni, bħal deni, sogħla persistenti, telf ta’ piż jew nuqqas kbir ta’ enerġija u attenzjoni, fittex attenzjoni medika immedjatament
- Inti għandek tiġi evalwat għal tuberkulożi (TB). Itlob lit-tabib tiegħek
jirreġistra d-dati u r-riżultati tal-aħħar skrining tiegħek għal TB hawn taħt:

Test: ____________________
Data: ____________________
Riżultati: ____________________

Test: ____________________
Data: ____________________
Riżultati: ____________________

- Jekk jogħġbok itlob lit-tabib tiegħek iniżżel medikazzjonijiet oħra li jistgħu jżidu r-riskju ta' infezzjoni tiegħek.

## Insuffiċjenza Konġestiva tal-Qalb

Jekk inti tiżviluppa sintomi **li jindikaw insuffiċjenza konġestiva tal-qalb jew aggravar ta' insuffiċjenza konġestiva tal-qalb eżistenti** bħal qtugħ ta' nifs, nefħa tal-għekiesi, sogħla persistenti jew għeja, fittex attenzjoni medika immedjatament.

**Informazzjoni oħra (jekk jogħġbok imla):**

- Isem il-pazjent: ______________________
- Isem it-tabib: ______________________
- In-numru tat-telefon tat-tabib: ______________________

**Żomm din il-kartuna miegħek matul il-kura tiegħek b'Erelzi® u għal xahrejn wara l-aħħar doża ta' Erelzi® tiegħek, minħabba li jistgħu jseħħu effetti sekondarji wara l-aħħar doża ta' Erelzi® tiegħek.**

**Huwa importanti li inti u t-tabib tiegħek tirreġistraw l-isem tad-ditta u n-numru tal-lott tal-medikazzjoni tiegħek.**

**Sejħa għal rappurtar**

▼ Dan il-prodott huwa suġġett għal monitoraġġ addizzjonali. Dan ser jippermetti identifikazzjoni ta' malajr ta' informazzjoni ġdida dwar is-sigurtà. Il-professjonisti tal-kura tas-saħħa huma mitluba jirrappurtaw kwalunkwe reazzjoni avversa suspettata.

Reazzjonijiet Avversi għall-Mediċina ssuspettati (effetti sekondarji) u żbalji fil-medikazzjoni jistgħu jiġu rrappurtati bl-użu tal-formola ta' rappurtar tar-Reazzjonijiet Avversi għall-Mediċina tal-Awtorità tal-Mediċini, li hija disponibbli online fuq http://www.medicinesauthority.gov. mt/adrportal u ibgħatha bil-posta jew permezz ta' email lil:

**P:** Pharmacovigilance Section at Post-Licensing Directorate, Medicines Authority, Sir Temi Zammit Buildings, Malta Life Sciences Park, San Gwann. SGN 3000.

**E:** postlicensing.medicinesauthority@gov.mt.

Il-Professjonisti tal-Kura tas-Saħħa jistgħu jirrappurtaw ukoll kwalunkwe avvenimenti avversi assoċjati mal-użu ta' **Erelzi®** lil Novartis Pharma Services Inc., Representative Office, Malta, bit-telefon fuq +356 21222872, online fuq www.report.novartis.com jew permezz ta' e-mail fuq drug_safety.malta@novartis.com.

Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq: Sandoz GmbH Biochemiestr. 10 A-6250 Kundl Austria

Distributur Lokali: V.J. Salomone Pharma Limited - Upper Cross Road, Marsa, MRS 1542, Malta

**Għal kopji elettroniċi ta' dan il-Materjal Edukattiv, jekk jogħġbok irreferi għas-sit web tal-Awtorità tal-Mediċini ta' Malta** - http://www.medicinesauthority.gov.mt/rmm **- u niżżel il-materjal meħtieġ bid-data l-aktar riċenti.**

Mejju 2020 GR2004241739

SANDOZ A Novartis Division